MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Numru. 673/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Johann Desira**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Johann Desira detentur tal-karta tal-identita` numru 288076(M).

Akkuzat talli:
1. Bejn is-sena 2004 u s-sena 2009, gewwa dawn il-gzejjer, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-fierm, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonjiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; u

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-procedudri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat il-fedina penali tal-imputat; u

Rat illi huwa kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni tant illi hallas pjenament tal-ammonti dovuti minnu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 167, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Johann Desira hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni

tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sittax-il (16) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------